MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2014

Numru. 421/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs.**

**John Charles Mario Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba kontra l-imputat **John Charles Mario Micallef,** ta' sitta u tletin (36) sena, bin John Joe u Victoria Maria neé Moreno, imwieled Toronto, Kanada, fl-1 ta' Mejju 1975, residenti "El Camino", Notary Zarb Street, Attard u detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 56889(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Awwissu 2011 u fil-jiem ta' qabel:

[1] Dok. "X" – *a fol.* 5.

1. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37), taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kumerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz lilu, jew minhabba depozitu necessarju ghad-dannu tal-*Malta Red Cross Society*.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JF 5" – *a fol.* 17).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 7).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 109 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

**I**lli l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jonathan Ferris** (*a fol.* 8 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu wara li kien rcvieva kwerela

minn ghand il-*Malta Red Cross Society* fir-rigward tal-imputat li, ghal xi zmien, kien impjegat mas-socjeta' imsemmja.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012, xehdet ukoll **Marie Paulette Fenech** (Direttur Generali tal-*Malta Red Cross Society – a fol.* 20 *et seq.*) fejn qalet li l-imputat kien impjegat bhala *Disaster Manager* mas-socjeta' in kwistjoni mill-25 ta' Marzu 2011 sal-ahhar tas-sena 2011. Tixhed li l-pozizzjoni tal-imputat inholqot wara l-krizi tal-Libya. Tghid li l-imputat ta r-rizenja tieghu f'Novembru u f'Dicembru gie tterminat l-impieg tieghu. Tispjega li meta l-imputat telaq mix-xoghol ma rritornax lura certu affarijiet bhala l-*automated external defibrillator*. Tixhed li l-imputat kien qalilhom li kien nsieh l-Libya. Tispjega li skoprtiet li dan d-*defibrillator* kien veru l-Libya u rnexxielha ggibu lura bil-kuntatti taghha. Tixhed li f'Jannar iltaqghet mal-imputat u ta xi affarijiet ohra, fosthom *blue lights*, manikin, *laptop*, *sim card* u xi affarijiet ohra pero tghid li l-imputat kellu xorta wahda jirritorna xi affarijiet ohra, li kienu jinkludu xi *number plates* li suppost kellhom jigu skrapjati, xi partijiet mill-uniformi u kif ukoll xi sett tac-cwievet tal-ufficju, liema affarijiet gew ritornati fil-5 ta' Ottubru 2012. Tghid ukoll li gimgha qabel is-seduta li kienet skedata ghall-25 ta' Gunju 2012, l-imputat irritorna s-somma ta' € 1420 li kienet moghtija lilu mis-socjeta' wara li sar cekk lill-imputat biex ikun jista' jmur Transport Malta halli tigi skrapjata l-vettura tal-*Malta Red Cross Society* liema vettura baqghet ma gietx skrapjata. Tghid li dan ic-cekk gie mahrug fuq isem l-imputat peress li Transport Malta ma jaccettawx cekkijiet ta' aktar minn hames mitt Euro u li kellhom bilfors jaghtuhom lill-imputat biex imur ihallas hu.

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsija tghid jekk kienx sar kuntatt mal-imputat sabiex jigu ritornati l-affarijiet minnu qabel gew infurmati l-Pulizija, twiegeb li dan sar diversi drabi. Tghid li nkitbulu diversi *emails*. Tghid li r-risposta tal-imputat kienet li kien ser jirritorna lura certu affarijiet u li certu affarijiet ohra, bhal *defibrillator*, kienu qeghdin il-Libya.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012, xehdet **Anne Marie Raggio** (tahdem fuq l-*accounts* mal-*Malta Red Cross Society – a fol.* 24 *et seq.*) fejn qalet li hija ma kellha l-ebda involviment fil-kaz. Tghid li kellha struzzjonijiet mid-direttur biex tikteb cekk lill-imputat biex

ikun jista' jiskrapja ambulanza. Ezebiet is-segwenti dokumenti: talba bil-miktub tal-imputat u l-*approval* biex jinhareg ic-cekk f'isem l-imputat (Dok. "AR 1" – *a fol.* 26 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012, xehdet ukoll **Joyce Schembri** (kienet impjegata bhala *Head Administrator* mal-*Malta Red Cross Society – a fol.* 29 *et seq.*) fejn qalet li d-Direttur Generali Edward Caruana kien qalilha biex tidraftja ittra sabiex l-imputat ikun jista' jiskrapja ambulanza. Tispjega li tat l-ittra u c-cekk lill-imputat biex ikun jista' jmur bihom it-Transport Malta peress li Transport Malta ma jaccettawx cekkijiet ta' aktar minn hames mitt Euro. Tghid li kien inhareg cekk ta' madwar elf u erba' mitt Euro f'isem l-imputat biex wara li jsarrfu, imur bih it-Transport Malta. Ezebiet tmien dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JS 1" sa "JS 8" (*a fol.* 31 *et seq.*). Tghid li wara li l-imputat kien qalilhom li kien mar Transport Malta, kien qalilhom li l-ircevuta kellhom jircevuha bil-posta. Tghid li kienet tkellem lill-imputat fuq bazi regolari u tistaqsieh kif jista' jkun kienu ghadhom ma rcevewx l-ircevuta u li t-twegiba tieghu kienet tkun dejjem fis-sens li kienu ser jircevuha.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012, xehdet ukoll **Kimberly Schembri** (kienet impjegata bhala *Course Co-Ordinator* mal-*Malta Red Cross Society – a fol.* 39 *et seq.*) fejn qalet li certu Sarah u hi kien marru l-bank biex isarfu l-paga taghhom u kien mar l-imputat u qalilhom li ma kellux il-karta tal-identita' u qalilhom biex isarfulu c-cekk tieghu li kellu ghandu ghax ried imur ghand it-Transport Malta biex ihallas xi affarijiet. Tghid li l-imputat taha c-cekk u hi sarfitu ghand il-kaxxiera.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehed **Brian Farrugia** (*Legal Officer* fi hdan l-Awtorità ta' Trasport Malta – *a fol.* 46 *et seq.*) fejn qal li vettura bin-numru ta' registrazzjoni TFI 700 hija ambulanza ta' kulur bajdani u li hija tal-ghamla Fiat Ducato. Ezebixxa kopja tal-*file* tal-vettura in kwistjoni li gie mmarkat bhala Dok. "BF 1" (*a fol.* 48 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehdet ukoll **Audrey Ghigo** (rapprezentanta tal-HSBC Bank Malta plc – *a fol.* 77 *et seq.*) fejn

ezebiet zewg cekk *images* li gew immarkati bhala Dok. "AG 1" u "AG 2" (*a fol.* 79 *et seq.*).
Illi, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2013, xehed l-imputat **John Charles Mario Micallef** (*a fol.* 83 *et seq.*) fejn beda billi qal li min-nofs Frar 2011 sa Dicembru 2011 kien impjegat bhala *Disaster Manager* mal-*Malta Red Cross Society* minhabba l-konflitt li kien hemm il-Libya. Jghid li xoghlu kien ibbazat Malta u l-Libya – kien jixtri x-xoghol minn Malta u jmur il-Libya bil-vapur jew bl-ajruplan. Jghid li xoghlu kien jinkludi wkoll li jaghmel pjan ta' *disaster management* ghal Malta u kien jaghti wkoll korsijiet tal-*first aid*. Jixhed li ma kien hemm l-ebda kuntratt miktub mal-*Malta Red Cross Society* pero kien hemm biss ftehim verbali, li kellu certu kondizzjonijiet, fosthom li s-CVA tithallas mis-socjeta' imsemmija. Jghid li meta f'Dicembru ta r-rizenja tieghu, talab lis-socjeta' biex jinghataw lilu l-fuq minn tlitt elef li kienu dovuti, CVA li hallashom hu personali, u li dawn qatt ma rritornawhomlu. Jahseb li kien ghad fadal xi *laptop* tieghu personali fil-kwartieri tas-socjeta'. Fir-rigward tal-iskrapjar tal-ambulanza, jispjega li d-Direttur Generali Edward Caruana kien qallu biex jikteb ittra lil *Accounts Department* sabiex jinhareg cekk f'ismu biex ikun jista' jsarfu u jmur ihallas lit-Transport Malta peress li ma kienux jaccettaw cekkijiet b'certi ammonti. Jghid li mar Transport Malta, sab *queue* kbir, ta l-flus u n-*number plates* lill-persuna li nesa x'jismu u dan qallu li kien ser jibghat kollox l-ufficju. Jghid li d-Direttur Generali gdida Paulette Fenech bghatitlu *emails* biex jirritorna certu affarijiet li huwa rritorna u li l-ebda korrispondenza ma semmiet il-flus tal-i*scrap*. Jghid li rcieva telefonata minn ghand l-iSpettur li qallu li ried ikellmu, mar it-Transport Malta, sab il-persuna li kien kellem qabel, gab il-flus, gab in-*number plates* u ta kollox lill-avukat tieghu ta' dak iz-zmien li tathom lis-socjetà. Rigward id-*defibrillator*, jghid li dan insieh fil-kwartieri fil-Libya u li ftakar fih meta gie lura. Jghid li huwa m'ghandu jaghti xejn aktar lis-socjetà pero ghandu jircievi minn ghand is-socjetà is-salarju *back dated*, hlasijiet rigward ic-CVA u kif ukoll il-*laptop*.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li meta kien inghata c-cekk rigward l-ambulanza kien talab zewg impjegati tas-socjetà biex isarfuh ghalih ghax ma kellux fuqu l-karta tal-identità. Jikkonferma li, da parte tieghu, kien naqas li ma ghamilx ix-xoghol komplut tieghu meta mar ghand it-Transport Malta u halla l-pjanci u l-flus ma xi

hadd hemmhekk. Jghid ukoll li kellu jaghti kors u li kien qieghed tard. Jghid li kien wara li gie mitkellem mill-iSpettur, li mar igib il-flus u n-*number plates* u rritornahom lis-socjetà.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2014, id-difiza ezebiet numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "VS 1" (*a fol.* 88 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi meta ttiehdet l-istqarrija (Dok. "JF 2" – *a fol.* 12 *et seq.*) tal-imputat, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu u huwa ma hax dan id-dritt, l-imputat wiegeb ghad-domandi li sarulu fuq l-istess linji li huwa xehed meta ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. Qal li l-persuna li tkellem maghha t-Transport Malta kien jisimha Gordon.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' approprijazzjoni indebita. Il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina x'inhuma l-elementi ta' dan ir-reat. Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex janalizzaw dan ir-reat fosthom fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciz fid-9 ta' Gunju 1998. F'dan il-kaz il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana r-reat:

> "Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei: *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"* (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).

Illi, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno:
>
> *Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia*

> *prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li l-proceduri odjerni gew intavolati kontra l-imputat wara li kienet saret kwerela lill-Pulizija mill-*Malta Red Cross Society*. Jidher li din il-kwerela, li baqghet ma gietx ezebita f'dawn il-proceduri, kienet tirrigwarda n-nuqqas tal-imputat li jirritorna xi affarijiet lura lis-socjeta' u n-nuqqas tieghu li jhallas ghall-*iscrap* ta' ambulanza partikolari, u dana minkejja li kien sar cekk lilu mis-socjeta' imsemmija, liema cekk gie msarraf. Il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 3) gie verbalizzat li l-ammont ta' € 1420 gie mhallas mill-imputat lill-*Malta Red Cross Society*. Apparti dan, il-Qorti semghet lil Marie Paulette Fenech (Direttur Generali tal-*Malta Red Cross Society – a fol.* 20 *et seq.*) tixhed li l-imputat kien irritorna xi affarijiet f'Jannar 2012 u li l-affarijiet l-ohra li kellu jirritorna rritornahom fil-5 ta' Ottubru 2012.

Illi l-imputat dejjem baqa' konsistenti fil-verzjoni tieghu: kemm meta ttiehdet l-istqarrija rilaxxata minnu u kif ukoll meta xehed quddiem il-Qorti f'dawn il-proceduri. Apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll li l-proceduri odjerni gew prezentati fir-Registru tal-Qorti fit-23 ta' April 2012. Minkejja li l-affarijiet kollha li kellu jirritorna l-imputat lil *Malta Red Cross Society*, inkluz il-hlas ta' € 1420, gew ritornati minnu lis-socjeta' imsemmija wara li l-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat gew intavolati, il-Qorti mhijiex sodisfatta li wiehed mill-elementi essenzjali li jsawwar ir-reat ta' approprijazzjoni indebita gie pruvat. Dan l-element huwa dak indikat bin-numru tlieta (3) hawn fuq, fejn fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni** kwotata hawn fuq inghad: *"u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor"*. Dan l-element ma giex pruvat. Ma jirrizultax li l-imputat dawwar bi profitt dik is-somma

ta′ flus u dawk l-oggetti li kienu ghadhom ghandu bi profitt ghalih.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta′ dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b′hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat John Charles Mario Micallef hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b′hekk tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------